

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6673 – Bolloré/Havas)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 349/09)

1. Fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-grupp Bolloré (France) jakkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Havas SA (Franza) permezz ta' offerta pubblika mnedija minn Havas SA.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Havas SA hija l-kumpanija li tmexxi Havas, attiva fis-settur tas-servizzi ta' konsulenza fil-komunikazzjoni, inkluż il-pubbliċità tradizzjonali, il-kummerċjalizzazzjoni diretta, il-media planning u x-xiri ta' spazju pubbliċitarju, il-komunikazzjoni tal-intrapriża, il-promozzjoni tal-bejgħ, id-disinn, ir-riżorsi umani, il-kummerċjalizzazzjoni sportiva, il-komunikazzjoni interattiva multimedja u r-relazzjonijiet pubbliċi,
- Il-grupp Bolloré huwa grupp diversifikat fis-setturi tal-industrija, id-distribuzzjoni tal-enerġija, it-trasport u l-loġistika, il-midja u t-telekomunikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6673 – Bolloré/Havas, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").